# PATRI ĠWANN MATTEW RISPOLO OP
## (1587-1639)
## DUMNIKAN LI GĦAMEL ĠIEĦ LILL-ORDNI TIEGĦU U LIL PAJJIŻU

Fil-ktieb tiegħu **Saint Dominic and the Order of Preachers**, l-istoriku Ingliż Simon Tugwell OP jikteb: *"L-aħwa Predikaturi, kellhom jiġu mgħallma tajjeb; kien għalhekk li S. Duminku ħa l-ewwel dixxipli tiegħu biex jitgħallmu fl-iskola katedrali ta' Toloża, fejn il-majjistru Alexander Stavensby kien qiegħed igħallem it-teoloġija"* (p.24). Sa mit-twaqqif tiegħu fl-1216, il-missjoni tal-Ordni tal-Predikaturi fil-Knisja Kattolika kellha tkun imsejjsa fuq il-predikazzjoni tal-Evanġelju. Għalhekk il-patrijiet kellhom jintefgħu b'ruħhom u ġisimhom għall-istudju u għat-talb biex b'hekk ikunu mħejjija tajjeb għall-kariżma tal-Ordni li hi s-salvazzjoni tal-bnedmin permezz tal-predikazzjoni.

Fost il-patrijiet dumnikani Maltin li ddistingwew ruħhom matul iż-żminijiet b'mod speċjali fis-seklu 17 insibu lil P. Ġwann Mattew Rispolo (Bonniċi A., ***L-Isla***, Vol 2, p.33). Skont it-tagħrif li nsibu fir-Reġistrazzjoni tal-Magħmudija fil-Parroċċa tal-Isla (***Vol.1, fol.3***), Giovanni Maria twieled fis-17 ta' Awwissu 1587 minn Vinċenż u Katerina Rispolo (din is-sena taħbat l-425 sena mit-twelid tiegħu). Missieru kien kaptan fuq wieħed mill-iġfna tal-Ordni Ġerosolimitan u kien jaqlagħha tajjeb. Minn età żgħira Giovanni Maria ngħata edukazzjoni tajba. Meta kiber huwa ntlaqat mill-ħajja li kienu jgħixu l-patrijiet dumnikani fil-kunvent tal-Birgu u talab li jissieħeb magħhom.

Il-patrijiet dumnikani kienu waslu Malta minn Sqallija f'nofs is-seklu 15 u bnew kunvent fir-Rabat fl-1473. Kien fl-1528 li huma bnew kunvent ieħor fil-Birgu. Wara, fl-1569, id-dumnikani ħassew il-ħtieġa li jibnu kunvent ieħor ġewwa l-belt il-ġdida Valletta. Għalhekk fi żmien P. Rispolo l-Ordni Dumnikan kien preżenti f'Malta bi tliet kunventi. Huwa



Patri Ġwann Mattew Rispolo fi kwadru pittura magħmul b'żejt fuq it-tila minn artist mhux magħruf li jinsab fis-sagristija tal-Knisja tal-Lunzjata fil-Birgu.

aktarx li għamel in-novizzjat u pprofessa fil-kunvent ta' S. Duminku f'Palermo, iżda ġie affiljat mal-kunvent tal-Lunzjata fil-Birgu (Fsadni M., ***Dumnikani Maltin Magħrufa***, p.43). Kien f'Palermo li P. Rispolo għamel l-istudji tiegħu tal-filosofija u t-teoloġija.

Bis-saħħa tal-Gran Mastru Alof de Wignacourt, P. Ġwann Mattew issokta l-istudji avvanzati tiegħu fl-università famuża ta' Pariġi, is-Sorbonne fejn kiseb il-lawrja ta' Duttur fit-teoloġija. It-teżi tad-dottorat li ġiet ippublikata fl-1609 kienet intitolata ***Status Controversiae Praedefinitionum et Praedeterminationum cum Libero Arbitrio*** (Fsadni M., ***Dumnikani Maltin Magħrufa***, p.46). Din il-pubblikazzjoni wriet il-potenzjal



Il-Knisja tal-Lunzjata u l-Kunvent tad-Dumnikani fil-Birgu fis-snin ta' qabel it-Tieni Gwerra Dinjija.

intellettwali ta' P. Rispolo u għenitu biex juri għerfu f'disputa pubblika ġewwa Pariġi fl-1611, waqt il-Kapitlu Ġenerali tal-Ordni li għalih attendew 450 patri dumnikan mid-dinja kollha (Montebello M., ***Il-ktieb tal-Filosofija f'Malta***, Vol 2, p.147). Fil-kapitli ġenerali kien ikun hemm rappreżentanti mill-provinċji kollha tal-Ordni mxerrdin mad-dinja. Kien ikun hemm l-aqwa mħuħ tal-Ordni. Huma kienu jevalwaw il-ħidma kollha u joħorġu bi proposti ġodda biex isir it-tiġdid meħtieġ fl-Ordni. Wara dan il-Kapitlu Ġenerali, P. Rispolo ma waqafx jivvjaġġa minn post għall-ieħor biex jgħallem, imexxi u jipprietka kemm fl-Italja u anki f'Malta.

L-Ordni tal-Predikaturi, mill-bidu tat-twaqqif tiegħu, waqqaf sistema kif jgħaddi l-formazzjoni intellettwali lill-aħwa predikaturi permezz ta' dawk li jissejħu l-Istudji ġenerali u l-Istudji konventwali. Dawn kienu skejjel imxerrdin mal-bliet tal-Ewropa fejn l-għalliema kienu patrijiet stess li għażlu li jgħaddu l-għerf tagħhom lil ħuthom iż-żgħar. L-ikbar żewġ għalliema kbar fl-istorja tal-Ordni jibqgħu S. Albert il-Kbir (1206-1280) u S. Tumas t'Akwinu (1225-1274). S. Albert l-Kbir isostni: *" ... l-intenzjoni tagħna hija li naqtgħu x-xewqa, tant mixtieqa ta' ħutna fl-Ordni. Għal diversi snin huma talbuna li niktbu ... biex b'hekk dan iservi ta' għajnuna biex jifhmu aħjar ix-xogħlijiet ta' Aristotli"* ***(De Physico,*** Lib I, Tract I, Cap I). P. Rispolo mexa fit-triq ta' dawn l-għalliema l-kbar għax mhux biss għallem imma wkoll ħalla diversi kitbiet.

S. Duminku bħala fundatur ried li l-patrijiet imorru fi bliet universitarji biex ikunu fil-qalba tal-istudju u tal-kultura. L-istudji tal-filosofija u tat-teoloġija (li f'dak iż-żmien kienet ir-reġina tax-xjenzi) minn dejjem ittieħdu b'serjetà kbira permezz ta' majjistri u letturi li ġew imħarrġin mill-istess Ordni. P. Rispolo ma baqax lura minn dan: fl-1612 ġie maħtur mill-Gran Mastru De Wignacourt bħala teologu u konsultur tiegħu. Id-dinamiżmu ta' P. Rispolo jidher fl-uffiċċju tiegħu bħala reġġent tal-istudji f'Messina (1612), f'Palermo (1613), f'Ruma (1624) u f'Malta (1616-19). L-uffiċċju ta' reġġent tal-istudji kien jikkonsisti fil-li dan jara li l-istudenti qegħdin jiġu mgħallma s-suġġetti meħtieġa fil-formazzjoni saċerdotali tagħhom u biex



Ir-reġistrazzjoni tal-Magħmudija ta' Ġwann Marija Rispolo



*Wieħed mill-kurituri tal-kunvent ta' San Duminku fil-Birgu qabel ma ġġarraf fit-Tieni Gwerra Dinjija.*

ikunu predikaturi tajbin. Bejn is-snin 1615-16 huwa għadda minn esperjenza kerha ħafna meta ġie mixli nġustament mill-Inkwiżizzjoni ta' Sqallija li għallem duttrina żbaljata. Huwa għadda erbatax-il xahar maqful fil-ħabs tal-Inkwiżizzjoni ta' Sqallija u nħeles wara li ma nstabx ħati (Fsadni M., ***Dumnikani Maltin Magħrufa,*** p.44).

Patri Ġwann Mattew kellu l-kariżma li jmexxi lil ħutu patrijiet. Huwa kien maħtur Vigarju Ġenerali tad-dumnikani Maltin għal tliet darbiet (1617-19; 1630-32; 1636-38) u anki kien pirjol fil-kunvent tal-belt Valletta (1638). Bħala predikatur kien imfittex ħafna: barra fil-gżejjer Maltin, huwa pprietka f'diversi bliet Taljani, bl-aħħar prietki tiegħu ikunu dawk tar-Randan f'Catania (1638-39) fejn huwa miet u ġie midfun fil-knisja dumnikana ta' S. Katerina fis-6 t'April 1639. Maż-żmien din il-knisja ġiet meqruda imma fadal il-plakka tal-qabar tiegħu fil-post fejn indifen.

P. Rispolo ħallielna diversi xogħlijiet ta' kitba l-iktar ta' natura filosofika fosthom: ix-xogħol ewlieni tiegħu f'forma ta' ktieb, ***Status Controversiae Praedefinitionum et Praedeterminationum cum Libero Arbitrio*** (1609) li kopja tiegħu tinsab fl-arkivju tal-patrijiet dumnikani tar-Rabat u fil-Biblijoteka Nazzjonali ta' Franza f'Pariġi. Imbagħad insibu xogħlijiet tiegħu f'manuskritti: diversi kummentarji, b'kollox erbatax, fuq il-kitbiet t' Aristotli u xogħol ieħor fuq l-ewwel parti tas-***Summa Theologiae*** ta' S. Tumas t'Akwinu li għandu d-data tal-1633. Bħala studjuż li ġej mill-iskola aristotelika-tomista, P. Rispolo ħadem kemm felaħ biex din is-sistema filosofika tiġi nkarnata fl-istudenti li kienu taħt it-tmexxija tiegħu. Fit-tagħlim tiegħu ta wkoll importanza lill-istudju tal-Kotba Mqaddsa u l-kitbiet ta' Missirijiet il-Knisja.

S'issa ftit kienu t-tentattivi biex jiġu studjati x-xogħlijiet ta' P. Rispolo ħlief għall-istudju li kiteb P. Daniel Callus OP bl-isem ***Un illustre Sengleano del Seicento*** fl-1929. P. Callus fi ftit kliem jiddeskrivi lil P. Rispolo b'dan il-mod: *"Duttur tas-Sorbona, Majjistru famuż tat-teoloġija, b'ġenjalità kbira*

*u b'intelliġenza rara, spjega b'ħila tal-għaġeb u bir-reqqa l-iktar kwistjonijiet tqal tat-teoloġija u l-filosofija"* (Callus, D., ***I Domenicani in Malta***, p.20). Sfortunatament sallum ma żdidux dettalji ġodda oħra fuqu u għalhekk ix-xogħol akkademiku tal-patri dumnikan mill-Isla għadu qiegħed ifittex lil xi skular biex jiskoprih mill-ġdid. Din is-sena, fejn qed niċċelebraw l-425 sena mit-twelid ta' P. Rispolo, irridu nerġgħu niftakru fil-kontribut li ta dan id-dumnikan Senglean mhux biss lil pajjiżna imma anki lill-akkademja li tmur lil hinn minn xtutna.

*P. Raymond Gatt OP*



*Il-Gran Mastru Alof de Wignacourt li fl-1612 ħatar lil Patri Rispolo teologu, konsultur personali tiegħu. (Pittura magħmula minn Michelangelo Merisi de Caravaggio u li tinsab f'Palazzo Pitti Firenze, l-Italja).*



STATVS
CONTROVERSIÆ
PRÆDEFINITIONVM,
ET
PRÆDETERMINATIONVM
CVM LIBERO ARBITRIO.
AVCTORE
F. I. M. DE RISPOLIS
Ordinis Prædicatorum.

PARISIIS,
Apud REGINALDVM CHAVDIERE, via
Iacobæa, sub signo Scuti Florentij.
M. D. CIX.
Cum Priuilegio Regis.

*Il-qoxra ta' quddiem tat-teżi ta' Patri Rispolo li ġiet ippubblikata bir-rekkomandazzjoni tar-Re Enriku IV.*

## Biblijografija


Bonnici, A., *L-Isla,* Vol II., Parroċċa tal-Isla, 1986.

Callus, D., *I Domenicani in Malta*, Empire Press, Malta, 1921.

________, *Un Illustre Sengleano del Seicento,* Empire Press, Malta, 1929.

Fsadni, M., *Id-Dumnikani fir-Rabat u fil-Birgu sa l-1620.*, Stamperija Il-Ħajja, Malta, 1974.

________, *Dumnikani Maltin Magħrufa,* Pubblikazzjoni Dumnikana, Malta, 2003.

Montebello, M., *Il-Ktieb tal-Filosofija f'Malta,* Vol 2 (M-Ż)., Publikazzjonijiet Indipendenza, Malta, 2001.

________, *Malta's Philosophy and Philosophers.*, Publikazzjonijiet Indipendenza, Malta, 2011.

Schiavone, M.J., *Dictionary of Maltese Biographies G-Z,* Publikazzjonijiet Indipendenza, Malta, 2009.

http:// en.wikipedia.org/wiki/John_Matthew _Rispoli